KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.9.2004
KUMM(2004) 621 finali

2004/0218 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-Istrument Finanzjarju ghall-Ambjent (LIFE +)

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2004) 1176}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST

Il-kisba tal-miri politici ta' Lisbona/ Gotenberg, jigifieri, l-iżvilupp ta' ekonomija Ewropea li twassal ghat-tkabbir u l-koeżjoni socjali filwaqt li tnaqqas l-impatti negattivi fuq l-ambjent, tehtieg impenn kontinwu fl-użu sostenibbli u l-immaniggjar tar-riżorsi u l-protezzjoni ta' l-ambjent. F'Marzu 2004 il-Kunsill tar-Rebbiegha kkonkluda li 'it-Tkabbir, biex ikun sostenibbli, irid li ma jaghmilx hsara lill-ambjent'. It-tendenzi kurrenti fl-istat ta' l-ambjent u ż-żieda fil-pressjoni li huwa suggett ghaliha jitolbu azzjoni miżjuda u msahha. L-isfida ghall-perjodu ta' perspettivi finanzjarji li jmiss hija doppja: l-ewwel, biex ikun assigurat li l-ghanijiet ambjentali ewlenin – li jigi miggieled it-tibdil fil-klima, li jitwaqqaf it-tnaqqis fil-bijodiversità, li tittejjeb il-kwalità tal-hajja u li jkun assigurat l-użu sostenibbli u l-immaniggjar tar-riżorsi – jikkumplimentaw u jirrinforzaw l-agenda tat-tkabbir u, it-tieni, biex it-tkabbir jinfired mill-impatti ambjentali negattivi tieghu.

Il-finanzjament ta' l-UE huwa fundamentali biex jinkisbu dawn l-ghanijiet ta' politika. Huwa stipulat fil-komunikazzjoni "Nibnu l-futur komuni taghna ~ Sfidi politici u mezzi bagitarji ta' l-Unjoni mkabbra, 2007-2013" [KUMM(2004)101] kif komplimentata mill-"Perspettivi Finanzjarji 2007-2013" [KUMM(2004)487]. L-ambjent se jkun integrat f'dawn l-oqsma ta' politika prijoritarji u se jkun iffinanzjat primarjament permezz tat-Titolu 1, Tkabbir Sostenibbli (Titolu 1A, inklużi l-innovazzjoni u l-programm kwadru dwar il-kompetittività; programmi ta' ricerka u żvilupp u t-Titolu 1B, koeżjoni ghat-tkabbir u l-impjiegi), Titolu 2: Il-konservazzjoni u l-Immaniggjar tar-Riżorsi, inklużi, programmi ta' agrikola u żvilupp rurali), u t-Titolu 4: L-Ewropa bhala Siehba Globali, inklużi l-programmi ta' qabel is-shubija u l-iżvilupp u ta' ghajnuna esterna). Fil-preżent, per eżempju, madwar 16.5% ta' l-ERDF u 50% tal-Fond ta' Koeżjoni huma ddedikati ghall-ambjent. Barra minn hekk, l-intervenzjonijiet kollha koeżjonali, agro-ambjentali u ta' żvilupp rurali jridu jirispettaw l-ligi tal-Komunità dwar l-ambjent. Dawn il-livelli ta' finanzjament ghal attivitajiet ambjentali ghandhom jinżammu u fejn necessarju jiżdiedu fil-perjodu finanzjarju li jmiss, waqt li jirriflettu l-importanza ta' l-ambjent bhala dimensjoni ewlenija ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Il-fondi ghall-ambjent ghandhom valur-miżjud Ewropew car. Id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima kkombinati ma' l-okkorrenza dejjem tiżdied ta' incidenza ta' disatri nazzjonali ta' natura transkonfinanti (eż. gharar, nirien tal-foresti) jitolbu mod ta' azzjoni u rispons ma' l-Ewropa kollha u globalment. Il-finanzjament ta' l-UE jappoggja attivitajiet li min-natura transkonfinanti taghhom ma jkunux iffinanzjati fuq livell nazzjonali. Hemm hafna eżempji ta' oggetti pubblici komuni fi hdan il-qasam ta' l-ambjent, li tibbenefika minnhom l-Ewropa kollha u ghalhekk hija gustifikata l-ghajnuna fuq il-livell ta' l-UE. L-impenn ghall-protezzjoni ambjentali fit-Trattat u l-bżonn li tkun sorveljata l-implimentazzjon tal-korp ta' legislazzjoni ambjentali li kienet adottata tul l-ahhar tletin sena tehtieg azzjoni u appogg finanzjarju fuq il-livell ta' l-UE.

L-istrumenti ewlenin ta' finanzjament tal-Komunità se jappoggaw l-investiment fiżiku u tangibbli fl-ambjent filwaqt li jsostnu r-ricerka, l-innovazzjoni u t-teknologiji ambjentali. Madanakollu, dawn il-programmi ma jkoprux l-imperattivi kollha tal-finanzjament ambjentali. Per eżempju, huma ma jkoprux attivitajiet li ghandhom dimensjoni unikament Ewropea bhall-iskambju ta' l-aqwa prattiki, it-tiswir tal-kapacità ta l-awtoritajiet lokali u regjonali u s-sostenn ghal NGOs li jkollhom vokazzjoni wiesgha Ewropea. Dawn huma

komplementi essenzjali ghall-fondi ta' l-investiment u fundamentali ghall-kisba ta' ghanijiet ambjentali fl-UE mkabbra. Ghalhekk hemm bżonn Strument Finanzjarju gdid ghall-Ambjent. Hu se jigbor flimkien bosta mill-programmi kurrenti ta' sostenn ghall-ambjent f'strument wiehed, **u se jkun iffinanzjat taht Nefqa *Titolu 2* tal-perspettivi Finanzjarji 2007-2013, *il-Konservazzjoni u l-Immaniggjar tar-Riżorsi Naturali*.**

## 2. L-GHAŻLA TA' L-ISTRUMENT: LIFE+

Sabiex jikkumplementa l-programmi ewlenin ta' finanzjament, Strument Finanzjarju gdid ghall-Ambjent, LIFE + (L'Instrument Financier pour l'Environnement: Promouvoir L' Union Soutenable) hu propost.

L-ghan generali ta' LIFE + ghandu jkun biex jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, is-sorveljar, l-evalwazzjoni u l-komunikazzjoni tal-politika ambjentali u l-legislazzjoni tal-Komunità bhala kontribuzzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli ta' l-UE. LIFE+ ghandu jghin b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tas-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali li ghandu l-hsieb li jiggieled it-tibdil fil-klima, li jwaqqaf it-tnaqqis fin-natura u l-bijodiversità, li jtejjeb l-ambjent, is-sahha u l-kwalita tal-hajja, li jippromwovi l-użu u l-immaniggjar sostenibbli tar-risorsi naturali u l-iskart u li jiżviluppa metodi ta' strategija ghall-iżvilupp tal-politika, l-implimentazzjoni u t-tkattir ta' informazzjoni/kuxjenza.

LIFE+ se jappoggja dawk l-attivitajiet li ghandhom

– Valur miżjud Ewropew: hu se jintervjeni biss meta jkun hemm valur miżjud car ghall-UE u jikkontribwixxi ghall-ekonomija fil-kobor fuq livell Ewropew.

– effett ta' mbuttatura jew multiplikanti: hu se jipprovdi mekkaniżmu ta' ko-finanzjament ma' l-Istati Membri, l-awtoritajiet regjonali jew lokali u operaturi pubblici u privati ohrajn.

– karattru katalitiku jew demostrattiv: LIFE + se jsostni azzjonijiet li juru metodi innovattivi biex titfassal u tigi implimentata l-politika ambjentali;

– perspettiva fit-tul: intervenzjonijiet LIFE + se jkunu investimenti ghall-futur. Huma se jimmiraw li jistabbilixxu s-sisien ghas-sostenibilità.

LIFE + se jkollu żewg dimensjonijiet:

**LIFE+ Implimentazzjoni u Tmexxija** se:

– jikkontribwixxi ghall-iżvilupp u d-demostrazzjoni ta' metodi ta' politika u strumenti innovattivi inklużi l-promozzjoni ta' riżultati ta' ricerka b'success.

– jikkontribwixxi biex jikkonsolida l-bażi ta' l-gharfien ghall-iżvilupp, l-assessjar, is-sorveljar u l-evalwazzjoni, inkluża l-evalwazzjoni ex-post tal-politika u l-legislazzjoni ambjentali (permezz ta' fost affarijiet ohra studji, immodellar u tiswir tax-xenarju);

– jghin fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-metodi ghas-sorveljar u l-assessjar ta' l-istat ta' l-ambjent u dawk li jmexxuh, il-pressjonijiet u r-rispons li jhallu impatt fuqu.

– jiffacilita l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-Komunità, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni fuq livell lokali u regjonali, permezz ta', fost affarijiet ohra, tiswir ta' kapacità, skambju ta' l-aqwa prattika u netwerking, żvilupp ta' sessjonijiet u/jew programmi ta' tahrig;

– jipprovdi ghajnuna ghal tmexxija ambjentali ahjar, filwaqt li jwessa' l-involviment tal- partijiet interessati inkluż dak ta' organizazzjonijiet non-governattivi, fil-konsultazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika;

Din id-dimensjoni tal-programm ghandha tiggenera titjib *fil-bażi ta' l-gharfien* ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali. Il-politika futura se tkun aktar ma jmur kumplessa biex titfassal, filwaqt li titlob data iktar komprensiva. Huwa rikonoxxut sew li, fl-interessi tat-tfassil ta' politika ahjar u effettività fl-infiq imtejba, hemm bżonn sforz magguri biex tinkiseb data ahjar dwar l-istat ta' l-ambjent u biex ikunu mifhuma r-rabtiet bejn l-arja, l-ilma, il-hamrija u r-relazzjonijiet ta' kawża u effett bejn l-attivitajiet differenti u d-degradazzjoni ambjentali. Generalment hemm data kwantitattiva u informazzjoni kwalitattiva insufficjenti rraportati biex ikun hemm bażi ghal evalwazzjoni komprensiva tal-politiki ambjentali. Ghall-maggoranza ta' l-indikaturi ambjentali, m'hemmx kopertura shiha ta' l-UE. Id-data ta' spiss mhix komparabbli bejn il-pajjiżi minhabba definizzjonjiet u prattiki ta' gbir ta' data li jvarjaw. Hemm ftit standards komuni, interoperabilità insufficjenti bejn is-sistemi tal-monitoragg u opportunitajiet limitati ghall-qsim flimkien ta' data. LIFE+ Implementazzjoni u Tmexxija se jghin fit-tiswir ta' l-immodellar u x-xenarju, fl-istudji kif ukoll fit-tnissil, id-disinn u d-demostrazzjoni ta' metodi godda ghas-sorveljar u l-assessjar f'oqsma ta' prijorità ewlenin, inklużi dawk koperti mill-istrategiji tematici (i.e. riżorsi, prevenzjoni ta' l-iskart, arja, hamrija, bahar, pesticidi u ambjent urban). Dan ghandu jikkontribwixxi biex jikkonsolida l-bażi ta' l-gharfien, itejjeb il-koerenza u l-konsistenza tas-sorveljar u l-assessjar fuq bażi Ewropea u b'hekk itejjeb sinifikament l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali ta' l-UE

LIFE+ Implementazzjoni u Tmexxija se jiffacilita *netwerking u skambju ta' l-aqwa prattika* fuq skala Ewropea. In-netwerking se jkun partikolarment importanti biex jiffacilita l-iskambji ta' veduti u l-aqwa prattika f'oqsma fejn il-politika, il-metodi tal-politika, il-legislazzjoni jew l-iżvilupp ta' mezzi ta' implimentazzjoni huma fi stadji bikrija e.ż. l-implimentazzjoni u l-immaniggjar tas-siti NATURA, fl-integrazzjoni tas-sostenibilità fl-ippjanar urban, fit-tkabbir tad-dimensjoni ambjentali tal-protezzjoni tal-foresti u fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti, l-ambjent u s-sahha, ecc. Netwerking fost l-awtoritajiet amministrattivi u gudizzjali ta' l-Istati Membri attivi fil-qasam ta' l-ambjent wera li huwa essenzjali biex tittejjeb u tigi ffacilitata l-implimentazzjoni tal-legislazzjoni tal-Komunità. L-effett multiplikanti ta' inizjattivi kurrenti ta' netwerking li ghandhom dimensjoni Ewropea – il-Kampanja ta' Mobilità Sostenibbli/Gurnata Hielsa mill-Karozzi, l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati taht l-strategiji tematici ecc. – urew l-utilità ta' l-appogg f'dan il-qasam.

It-tiswir tal-kapacità taht LIFE+, partikolarment fuq il-livell lokali u regjonli, se jwassal ghal sinergiji billi jipprepara lill-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet privati sabiex jimplimentaw il-politika u l-legislazzjoni, li potenzjalment iwasslu ghal implimentazzjoni mtejba u integrazzjoni ambjentali ikbar f'politiki u programmi ohrajn.

LIFE+ Implementazzjoni u Tmexxija se jiffacilita wkoll, permezz ta' l-appogg tieghu lin-netwerks, lill-partijiet interessati u l-NGOs ta' l-ambjent, l-*involviment attiv tac-cittadini* fl-iżvilupp tal-politika u l-process ta' implimentazzjoni. FL-UE mkabbra, ir-rwol ta' dawn l-organizazzjonijiet fit-tixrid ta' l-informazzjoni, is-sorveljar ta' l-implimentazzjoni tal-politiki u t-tqanqil tad-dibattitu se jsiru aktar importanti.

**LIFE Informazzjoni u Komunikazzjoni se**

– jxerred l-informazzjoni u jqajjem kuxjenza dwar materji ambjentali;

– jappoggja miżuri relatati (bhal pubblikazzjonijiet, avvenimenti, kampanji, konferenzi,ecc);

LIFE+ Informazzjoni u Komunikazzjoni se jippromwovi attivament il-politiki ambjentali ta' l-UE permezz ta' *informazzjoni, komunikazzjoni, tqajjim ta' kuxjenza u djalogu,* biex b'hekk jaghti s-setgha lill-individwi u gruppi fis-socjetà civili Ewropea halli jippartecipaw, b'mod informat u attiv, fil-protezzjoni ta' l-ambjent u fl-użu sostenibbli tar-riżorsi. Billi jibni u jżomm mekkaniżmi effettivi biex jitqajmu kuxjenza u djalogu kooperattivi man-netwerks ta' partijiet interessati relevanti, LIFE Informazzjoni u Komunikazzjoni se jtejjeb il-propjetà tal-politiki ambjentali ta' l-UE u jikkontribwixxi lejn implimentazzjoni iktar effettiva. Il-programm se jqarreb il-politiki ta' l-UE lejn ic-cittadin.

## 3. LIFE+ Strument Simplifikat, Organizzat u Proporzjonat

L-ghażla ta' strument wahdani hi affermata fuq ragunijiet ta' simplifikazzjoni kif ukoll fuq lezzjonijiet mitghallma u rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjonijiet passati. Id-DG Ambjent bhalissa jimmaniggja, fuq bażi centrali, ghadd ta' programmi differenti – il-programm LIFE, programm ta' żvilupp sostenibbli urban, programm ta' l-NGOs, *Forest Focus*, facilità ta' żvilupp u implimentazzjoni generali tal-politika (li ghandha dimensjoni interna u esterna) u trasferiment bagitarju liż-ŻEE. Kull wiehed minn dawn il-programmi differenti ghandu l-applikazzjoni/amministrazzjoni u l-proceduri tal-komitologija tieghu, li l-immanigjar taghhom jitlob riżorsi konsiderevoli.

Il-programm kurrenti LIFE ghandu tliet aspetti: Ambjent, Natura u Pajjiżi Terzi. LIFE Ambjent appogga d-demostrazzjoni u l-progetti pilota mmirati lejn l-iżvilupp ta' metodi godda u metodi ghall-protezzjoni u t-tishih ta' l-ambjent, b'enfasi partikolari fuq teknologiji u applikazzjonijiet innovattivi; LIFE Natura ghen fl-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE dwar il-konservazzjoni tan-natura; u LIFE Pajjiżi Terzi ffinanzja attivitajiet ta' assistenza teknika ghat-tiswir tal-kapacità u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli f'pajjiżi terzi. Il-Kwadru tal-Komunità ghall-Kooperazzjoni biex Tippromwovi l-Iżvilupp Sostenibbli Urban jipprovdi appogg finanzjarju u tekniku lin-netwerks ta' l-awtoritajiet lokali u ghandu l-ghan li jinkoraggixxi l-koncezzjoni, l-iskambju u l-implimentazzjoni tal-prattika tajba fil-livell lokali tal-legislazzjoni ambjentali ta' l-UE, l-iżvilupp sostenibbli urban u Agenda Lokali 21 (miżuri fil-livell sotto-nazzjonali mahsub ghall-iżvilupp sostenibbli). Il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità li jippromwovi organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs) jipprovdi assistenza finanzjarja ghal NGOs li huma involuti fil-kontribuzzjoni ghall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-Komunità u l-legislazzjoni f'regjuni differenti ta' l-Ewropa. Il-programm *Forest Focus* jkopri l-issorveljar u l-protezzjoni tal-foresti kontra t-tniggiz atmosferiku u n-nirien u l-monitoragg tal-foresti f'dak li ghandu x'jaqsam mal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, is-sekwestrazzjoni tal-karbonju u l-hamrija. Hu jghin ukoll l-iżvilupp ta' miżuri ghall-privenzjoni tan-nirien tal-foresti. L-azzjonijiet l-ohra ghall-ambjent huma ffinanzjati mill-voti generali tal-bagit, kemm intern kif ukoll estern, ibbażati fuq l-Artikolu 49(2) tar-Regolament Finanzjarju (prerogattiva istituzzjoni tal-Kummissjoni). Ghall-azzjonijiet fi hdan l-UE, dawn il-voti tal-bagit jipprovdu fondi ghall-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, inklużi studji u azzjonijiet biex iqajmu kuxjenza. Bhala dimensjoni

esterna, huma jkopru b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet regolari ghall-Konvenzjonijiet Ambjentali u ftehim internazzjonali li l-Komunità taghmel Parti minnhom.

Il-bicca l-kbira ta' dawn il-programmi ghandhom jinghaqdu taht strument wahdani ghall-ambjent. L-ghanijiet bażici u l-iskop ta' xi whud minn dawn il-programmi se jkomplu jkunu koperti taht LIFE+. Per eżempju, l-iskop tar-regolament kurrenti tal-*Forest Focus* se jkun rifless fil-programmi LIFE+ u l-attivitajiet se jkunu koperti miż-żewg aspetti tal-LIFE+. L-appogg lill-NGOs u l-awtoritajiet lokali u regjonali se jkompli taht LIFE+. L-ammont tal-bagit hu sufficjenti biex jiffacilita l-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet skond l-impenji tal-passat. Is-sussidju liż-ŻEE se jsir taht l-istess Titolu tan-Nefqa tal-Bagit imma mhux taht ir-regolament ta' LIFE+.

Rigward programmi u nefqa li mhux se jkunu koperti taht l-istrument finanzjarju l-gdid, l-istrument wahdani ma jkunx semplicament estensjoni tal-programm LIFE ta' bhalissa. Fil-kuntest tad-deciżjonijiet mehuda bi preparazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-Perspettivi Finanzjarji [COM(2004)487], u fl-interessi tat-titjib tas-sinergija bejn diversi strumenti tal-Komunità, it-teknologija ambjentali u l-komponent eko-innovattiv tal-programm kurrenti LIFE se jkun integrat fil-programm kwadru dwar il-kompetittività ta' l-UE li qed jigi ppreparat. Dan se jkopri hafna mill-attivitajiet koperti taht il-LIFE Ambjent kurrenti. Fl-istess Komunikazzjoni, huwa propost li l-finanzjament tad-dimensjoni esterna tal-politika ambjentali ghandu jsir biss bl-istumenti ta' ghajnuna esterna. Ghalhekk, il-qasam LIFE Pajjiżi Terzi taht il-programm kurrenti tal-LIFE u l-azzjonijiet esterni li huma ffinanzjati mill-facilità ta' implimentazzjoni generali (bhal kontribuzzjonijiet ghal konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali) fil-futur se jkunu ffinanzjati taht l-istrumenti ta' ghajnuna esterni. Il-protezzjoni civili se tkompli tkun iffinanzjata separatament, taht strument ta' solidarjetà separat.

Il-kisbiet ta' efficjenza fit-tghaqqid ta' programmi ohrajn fi strument wiehed se jsir permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali tal-process tat-tehid tad-deciżjonijiet, flessibilità fl-allokazzjoni ta' fondi fi hdan l-istess strument u tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi li jinvolvu l-finanzjament ta' attivitajiet simili permezz ta' programmi differenti. Strument wiehed ghandu jippermetti ghal gabra wahdanija ta' regoli u proceduri ta' tehid ta' deciżjonijiet u ta' finanzjament wahdanin, kif ikoll targetjar ta' politika iktar konsistenti. Ir-riżultat ghandu jkun tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi involuti, kif ukoll aktar trasparenza u viżibilità.

Metodu ta' programmar multi-annwali se jkun introdott, bil-Kummissjoni tippreżenta programmi multi-annwali li jistabbilixxu l-ghanijiet principali, l-oqsma ghal azzjoni ta' prijorità, it-tip ta' azzjonijiet, ir-riżultati mistennija u l-fondi indikattivi ghall-adozzjoni. Programmi dettaljati ta' hidma annwali se jbiddlu l-ghanijiet multi-annwali f'azzjonijiet specifici. Dawn il-programmi se jinkludu indikaturi ghall-evalwazzjoni u l-eżaminar tal-programm. Dispożizzjonijet ta' implimentazzjoni dettaljati se jkunu adottati ghall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi.

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni gew accettati fit-tfassil tal-LIFE+. Dawn l-eżaminazzjonijiet urew li l-programmi kurrenti kellhom impatt pożittiv. LIFE, per eżempju, kien strumentali biex jilhaq inizzjattivi ambjentali ewlenin bhal dawk imnedija min-netwerk NATURA 2000. Programmi ohrajn appoggjaw l-istabbiliment ta' netwerks u organizzazzjonijiet ambjentali lokali u non-governattivi madwar l-Ewropa kollha. L-evalwazzjoni ta' LIFE uriet il-bżonn li jittejjeb l-appogg ghall-iżvilupp tal-politika, biex jitjieb it-tixrid tar-riżultati u li jigi mmirat impatt ikbar madwar l-Ewropa kollha tal-progetti ta' demostrazzjoni. Hija kkonkludiet li filwaqt li l-programm hu mmaniggjat u kkontrollat efficjentement, bl-użu ta' proceduri

sistematici u rigorużi, il-processi huma burokratici u jistgħu jibbenefikaw minn simplifikazzjoni. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ittieħdu in konsiderazzjoni fit-tfassil ta' LIFE+.

LIFE+ jieħu kemm is-sussidjarjetà kif ukoll il-proporzjonalità in konsiderazzjoni. Dwar is-sussidjarjetà, hemm skop għal azzjoni fil-qasam ambjentali fil-livelli kollha tat-tmexxija. Attenzjoni speċifika ngħatat fit-tfassil ta' l-istrument LIFE+ biex tassigura li l-azzjonijiet li jġibu valur miżjud għall-UE biss għandhom jiġu appoġġjati. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq is-solidarjetà, u fuq it-tagħlim mingħand xulxin. Fl-istess ħin, it-twettiq ta' għanijiet ewlenin miftieħma jeħtieġ sinerġija bejn azzjonijiet u deċiżjonijiet dwar in-nefqa fuq il-livell ta' UE u dawk nazzjonali u reġjonali. Billi tikkomplementa u tistimola sforzi nazzjonali, reġjonali u lokali biex jippromwovu l-protezzjoni ambjentali, l-Unjoni tista' tikkontribwixxi għall-effiċjenza ta' l-azzjonijiet f'dawk il-livelli ta' tmexxija u turi solidarjetà madwar l-Ewropa kollha. Dan huwa aktar u aktar importanti biż-żieda fid-diversità wara t-tkabbir.

Il-bżonnijiet ta' appoġġ finanzjaju għall-ambjent fl-UE mkabbra huma sinifikanti. Dawn il-bżonnijiet għandhom x'jaqsmu l-aktar ma' l-investiment fl-infratruttura meħtieġa biex tiġi implimentata effettivament il-leġislazzjoni ambjentali tal-KE. Madanakollu, hemm bżonn addizzjonali ta' appoġġ għal miżuri akkompanjanti. Dan il-finanzjament permezz ta' LIFE+ huwa żgħir meta mqabbel ma' l-investimenti li hemm bżonn, imma kbir fl-effetti multiplikanti u koeżivi. Huwa modest u proporzjonat meta wieħed jikkonsidra l-firxa ta' sfidi ambjentali li l-UE se tiffaċċja matul il-perjodu ta' Perspettiva Finanzarja.

L-istrument ambjentali l-ġdid għandu jikkomplementa u jsaħħaħ l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-KE. Attenzjoni speċifika se tingħata biex tassigura li tkun evitata d-duplikazzjoni ta' fondi. Per eżempju, l-azzjonijet taħt LIFE+ fil-qasam tat-tiswir ta' l-għarfien se jkun koordinat mill-qrib ma' u jista' jkun ikkontrattat permezz ta' l-Aġenzija Ambjentali Ewropea f'Kopenhagen (iż-ŻEE).

Se jsiru sforzi konsidervoli biex jikkumplimentaw l-iżvilupp rurali u l-fondi strutturali. Per eżempju, il-programm kurrent LIFE Natura kien effettiv ħafna fl-għajnuna għat-tfassil tas-siti ta' NATURA 2000 u wera kif xi whud minn dawn is-siti jistgħu jkunu mmaniġġjati. Il-pass li jmiss fir-realizzazzjoni tan-netwerk NATURA 2000, wara t-tfassil, hu l-immaniġġjar attiv tas-siti. Dan jeħtieġ żieda fil-fondi u fondi ta' natura strateġika, strutturali u għat-tul ta' żmien, jiġifieri għajnuna fl-investiment għas-siti u għas-sidien tas-siti. Il-fondi strutturali u ta' żvilupp rurali ta' l-UE huma l-aħjar biex jipprovdu dan u saritilhom dispożizzjoni biex jagħmlu dan fil-perjodu finanzjarju perspettiv li jmiss. Madanakollu l-istrument il-ġdid LIFE+ għandu jkompli japplika għal ċerti azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' NATURA 2000 li m'humiex koperti mill-istrumenti l-oħrajn bħall-iżvilupp ta' metodi innovattivi ta' kif isir u jkun demostrat l-immaniġġjar tas-siti; l-appoġġ tekniku għall-preparazzjoni ta' pjanijiet għall-immaniġjar ta' siti ġodda jew dawk mhux koperti bid-dispożizzjonijiet ta' fondi strutturali jew ta' żvilupp rurali; it-tfassil ta' skemi innovattivi ta' sorveljar, taħriġ tal-partijiet interessati; komunikazzjoni u attivitajiet ta' networking; għajnuna għall-istabbiliment ta' shab lokali biex jippromwovu metodi ta' tmexxija speċifiċi għall-protezzjoni ta' żoni ta' NATURA 2000.

2004/0218 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-Istrument Finanzjarju ghall-Ambjent (LIFE +)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tieghu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni[3],

Jagixxu b'mod konformi mal-procedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

(1) L-Ambjent, bhala wiehed mid-dimensjonijiet ta' l-Istrategija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE adottata fil-Kunsill Ewropew f'Gotenberg fl-2001, hu prijorità ghall-ghajnuna tal-Komunità u ghandu jkun iffinanzjat primarjament permezz tal-programmi ta' koeżjoni, żvilupp agrikolu u rurali, ricerka, innovazzjoni u kompetittività, pre-adeżjonali u żvilupp u ta' assistenza esterna.

(2) Dawn il-programmi tal-Komunità ma jkoprux l-imperattivi kollha tal-finanzjament ambjentali u hemm bżonn ta' appogg ghall-politika u l-legislazzjoni ambjentali tal-Komunità, u specifikament il-prijoritajiet taht is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali;

(3) L-isfida ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika ambjentali effettiva taht is-6 EAP tista' tingheleb biss bl-ghajnuna ghad-demostrazzjoni ta' metodi ta' politika innovattivi, li jikkonsolidaw il-bażi ta' l-ghafien, jibnu kapacita ta' implimentazzjoni, irawmu tmexxija tajba, jippromwovu netwerks ta' taghlim minn xulxin u l-iskambju ta' prattika tajba u t-tixrid ahjar ta' l-informazzjoni, t-tqajjim tal-kuxjenza u l-komunikazzjoni;

(4) L-appogg taht dan ir-regolament ghandu ghalhekk jimmira lejn l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, is-sorveljar u l-evalwazzjoni tal-politika u l-legislazzjoni ambjentali kif ukoll il-komunikiazzjoni u t-tixrid taghha madwar l-UE;

---

1 ĠU C […], […], p. […].
2 ĠU C […], […], p. […].
3 Opinjoni mogħtija fi (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

(5) L-appogg ghandu jkun ipprovdut permezz ta' ftehim ta' ghotjiet u kuntratti b'prokurament pubbliku stipulati taht ir-Regolament Finanzjarju,

(6) L-esperjenza ta' l-istrumenti kurrenti u tal-passat uriet b'mod car il-bżonn li wiehed jippjana u jipprogramma fuq bażi multi-annwali u li jikkoncentra l-isforzi billi jipprijoritizza u jimmira lejn l-oqsma ta' l-attivitajiet li jkunu jistghu jibbenefikaw mill-ghajnuna finanzjarja tal-Komunità,

(7) Hemm il-bżonn li jitnaqqas in-numru ta' programmi u jigi ssimplifikat l-ipprogrammar u l-imanniggjar permezz ta' programm wiehed, organizzat b'mod konformi;

(8) Hemm madanakollu l-bżonn li tkun assigurata tranżizzjoni minghajr skossi u li jitkompla l-monitoragg u l-awditjar ta' l-attivitajiet iffinanzjati taht programmi kurrenti wara li dawn jiskadu,

(9) Trid tinghata attenzjoni biex ikun assigurat li dan l-appogg taht dan il-programm ikun komplimentarju ghall-fondi u l-istrumenti l-ohrajn tal-Komunità,

(10) Skond il-Konklużjonijiet tal-laqghat tal-Kunsill Ewropew fil-Lussumburgu (Dicembru 1997) u f'Tessalonika (Gunju 2003), il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi Balkani tal-Punent fil-Process ta' Stabbilizzazzjoni u Assocjazzjoni ghandhom ikunu kkonsidrati elegibbli biex jippartecipaw fil-Programmi tal-Komunità, b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim bilaterjali relevanti konklużi ma' dawn il-pajjiżi.

(11) Ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju ghal seba' snin, li ghandu jkun il-punt principali ta' referenza ghall-awtorità bagitarja, fit-tifsir ta' para 36 tal- (proposta ghall-) ftehim inter-istituzzjonali ta' (xxx) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixiplina bagitarja u t-titjib tal-procedura tal-bagit [KUMM(2004)498 finali ta' l-14.7.2004];

(12) Il-kisba ta' l-ghanijiet tas-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali miftiehem fil-livell ta' Komunità, ma jistax jinkiseb b'mod sufficjenti mill-Istati Membri jekk jagixxu b'mod individwali, u hemm ghalhekk gustifikazzjoni ghal ghajnuna mill-Komunità sakemm din ma tmurx 'l hinn minn dak li hu necessarju biex jinkisbu dawn l-ghanijiet;

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

<u>Ghanijiet</u>

Strument finanzjarju ghall-ambjent, minn hawn 'il quddiem riferut bhala "LIFE+", hawnhekk qed jigi stabbilit.

L-ghan generali ta' LIFE + ghandu jkun biex jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni, tal-politika ambjentali tal-Komunità u tal-legislazzjoni ambjentali, bhala kontribuzzjoni li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli.

LIFE+ se jghin biex jimplimenta is-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, u specifikament jikkontribwixxi ghal

– kisba ta' kwalità ta' ambjent fejn il-livelli ta' tniggiż ma jwasslux ghal effetti perikolużi fuq is-sahha umana u l-ambjent,

– stabbilizzazzjoni tal-koncentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni interferenza antropogenika perikoluża mas-sistema tal-klima.

– protezzjoni, preservazzjoni, restawrazzjoni u facilitar tat-thaddim ta' sistemi naturali, abitati naturali, flora u fawna selvaggi, bil-ghan li titwaqqaf id-deżertifikazzjoni u t-telf tal-bijodiversità,

– promozzjoni ta' immaniggjar ahjar tar-riżorsi naturali u l-iskart, u li jinkoraggixxi l-bidla ghal produzzjoni u tendenzi ta' konsum aktar sostenibbli,

– żvilupp ta' metodi ta' strategiji ghall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tal-politika, inkluż it-titjib tat-tmexxija ambjentali u l-qawmien tal-kuxjenza.

*Artikolu 2*

Skop u Ghanijiet Specifici

1. Biex isostni l-kisba ta' ghanijiet ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 1, LIFE+ se jkollu żewg komponenti.

LIFE+ Implimentazzjoni u Tmexxija se:

– jikkontribwixxi ghall-iżvilupp u d-demostrazzjoni tal-metodi u l-istrumenti innovattivi tal-politika,

– jikkontribwixxi biex jikkonsolida l-bażi ta' l-gharfien ghall-iżvilupp, l-assessjar, il-monitoragg u l-evalwazzjoni tal-politika u l-legislazzjoni ambjentali,

– jsostni d-disinn u l-implimentazzjoni ta' metodi ghall-issorveljar u l-assessjar ta' l-istat ta' l-ambjent u dawk li jmexxuh, il-pressjonijiet u r-rispons li jhallu impatt fuqu,

– jiffacilita l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-Komunità, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni fil-livell lokali u regjonali,

– jipprovdi ghajnuna ghal tmexxija ambjentali ahjar, jwessa' l-involviment tal-partijiet interessati, inkluż dak ta' organizzazzjonijiet non-governattivi, fil-konsultazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika;

LIFE+ Informazzjoni u Komunikazzjoni se:

– jxerred informazzjoni u jqajjem kuxjenza dwar materji ambjentali;

– jipprovdi appogg ghal miżuri akkompanjanti (informazzjoni, azzjonijiet ta' komunikazzjoni u kampanji, konferenzi, ecc).

2. Lista indikattiva ta' temi u azzjonijiet elegibbli hi pprovduta fl-Anness 1.

*Artikolu 3*

Tipi ta' intervenzjoni

1. Fondi tal-Komunità jistghu jiehdu dawn il-forom legali:

– ftehim ta' ghotja

– kuntratti ta' prokurament pubbliku

2. Ghotjiet tal-Komunità jistghu jkunu pprovduti permezz ta' forom u ftehim specifici bhal ftehim ta' shubija kwadru u partecipazzjoni fil-mekkaniżmi finanzjarji u fondi. Huma jistghu jiehdu l-ghamla ta' ko-finanzjament ta' ghotjiet operazzjonali jew ta' azzjoni. Ghal ghotjiet ta' azzjoni, ir-rata massima ta' ko-finanzjament ghandha tkun specifikata fil-programmi ta' xoghol annwali. Ghotjiet operattivi lil entitajiet li jfittxu l-ghanijiet ta' l-interess generali Ewropew ma jistghux ikunu suggetti ghad-dispożizzjonjiet digressivi tar-Regolament Finanzjarju.

3. Barra minn hekk, hi mahsuba nefqa ghall-miżuri akkompanjanti, permezz tal-kuntratti ta' prokurament pubbliku, f'liema każ il-fondi tal-Komunità jkopru x-xiri tas-servizzi u l-oggetti. Dan ghandu jkopri, *inter alia,* nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, l-issorveljar, l-iccekkjar u l-evalwazzjoni ta' progetti, politiki, programmi u legislazzjoni.

*Artikolu 4*

Programmar

1. Ghandhom ikunu pprovduti fondi b'appogg ghall-programmi multi-annwali mfassla mill-Kummissjoni. Dawn il-programmi ghandhom jiddefinixxu l-ghanijiet principali, l-oqsma ta' azzjoni prijoritarja, it-tip ta' azzjonijiet u r-riżultati mistennija mill-fondi tal-Komunità b'relazzjoni ma' l-ghanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 u ghandhom, sakemm hu possibbli, jinkludu estimi finanzjarji indikattivi.

2. Programmi ta' xoghol annwali ghandhom ikunu bbażati fuq programm ta' strategija multi-annwali u ghandhom jistabbilixxu, ghal sena partikolari, l-ghanijiet li jkunu qed jippruvaw jintlahqu, l-oqsma ta' azzjoni, il-kalendarju, ir-riżultati mistennija, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni, l-ammonti ta' finanzjament u r-rata massima ta' ko-finanzjament.

3. Il-programmi multi-annwali u annwali ghandhom ikunu adottati b'mod konformi mal-proceduri stabbiliti fl-Artikolu 12. Jekk jesigu c-cirkustanzi, il-programmi multi-annwali u annwali jistghu jkunu emendati matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni taghhom permezz ta' l-istess proceduri.

*Artikolu 5*

Proceduri Finanzjarji u Miżuri Implimentattivi

1. Il-Kummissjoni ghandha timplimenta l-Ghajnuna tal-Komunità b'mod konformi mar-Regolament tal-Kunsill Finanzjarju (Regolament tal-Kunsill (KE/Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002) applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeciedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-bagit ma' entitajiet tas-settur pubbliku nazzjonali jew entitajiet regolati b'ligi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 54, para.2(c) tar-Regolament Finanzju, skond il-kriterji ta' għażla stabbiliti fl-Anness 3.

*Artikolu 6*

Beneficjarji

Il-programm LIFE+ ghandu jkun miftuh ghal entitajiet, atturi u istituzzjonijiet pubblici u/jew b'mod partikolari:

– Awtoritajiet nazzjonali, regjonali u lokali

– Entitajiet specjalizzati kif mahsuba fil-legislazzjoni ta' l-UE

– Organizzazzjonijiet internazzjonali, ghal azzjoni fl-Istati Membri u pajjiżi msemmija fl-Artikolu 7

– Organizzazzjonijiet mhux governattivi

*Artikolu 7*

Partecipazzjoni ta' Pajjiżi Terzi

Il-programmi ffinanzjati permezz tal-LIFE+ ghandhom ikunu miftuha ghall-partecipazzjoni tal-pajjiżi li gejjin, dejjem jekk l-approprijazzjonijiet supplimentari jigu rcevuti:

– il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri taż-ŻEE, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE.

– il-pajjiżi kandidati li applikaw biex ikunu Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-pajjiżi Balkani tal-punent inklużi fil-process ta' l-Istabbilizzazzjoni u Assocjazzjoni.

*Artikolu 8*

Komplimentarjetà bejn strumenti finanzjarji

Operazzjonijiet iffinanzjati taht dan ir-Regolament m'ghandhomx jidhlu fl-iskop ewlieni u lanqas jircievu ghajnuna ghall-istess skop minn strumenti finanzjarji ohrajn tal-Komunità. Il-beneficjarji ta' dan ir-Regolament ghandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-fondi li rcivew mill-bagit tal-KE u ta' l-applikazzjonijiet ghall-fondi li ghadhom qed jigu pprocessati. Sinergiji u komplimentarjetà se jigu mfittxija ma' strumenti ohrajn tal-Komunità.

*Artikolu 9*

Dewmien u riżorsi bagitarji

1. Dan ir-regolament ghandu jkun implimentat b'bidu fl-1 ta' Jannar 2007 u tmiem fil-31 ta' Dicembru 2013.

   Il-qafas finanzjarju ghall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument hu stabbilit ghal 2,190 miljun euro ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2013 (seba' snin).

2. Ir-riżorsi tal-bagit allokati ghall-azzjonijiet ipprovduti f'dan ir-Regolament ghandhom jiddahlu fl-approprijazzjonijiet annwali tal-bagit generali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprijazzjonijiet annwali disponibbli ghandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-bagit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

3. L-analiżi statistika indikattiva ta' l-appogg finanzjarju bejn iż-żewg kompenenti tal-LIFE+ hu moghti fl-Anness 2.

*Artikolu 10*

Sorveljar

1. Ghal kwalunkwe azzjoni ta' LIFE+, il-beneficjarji ghandhom jissottomettu, rapporti teknici u finanzjarji dwar il-progress tax-xoghol. Rapport finali ghandu jkun sottomess ukoll fi żmien tliet xhur mit-tkomplija ta' l-azzjoni. Il-Kummisjoni ghandha tiddetermina l-ghamla u l-kontenut tar-rapporti.

2. Minghajr pregudizzju ghall-awditjar li jsir mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien ma' l-entitajiet jew dipartimenti kompetenti ta' l-awditjar nazzjonali skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe spezzjoni li ssir skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, ufficjali u persunal iehor tal-Kummissjoni jistghu jaghmlu spezzjonijiet fuq il-post, inklużi spezzjonijiet kampjunarji, fuq azzjonijiet iffinanzjati taht LIFE+.

